MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 207/2009

**Hydroelectric Limited (C-9039)**

**vs**

**Far-Fetched Media Limited (C-23558)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' disat elef erba' mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,486.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata (kopja *statement* Dok A);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1724/09 LM kontra s-socjeta' intimata li minna issa hija ngunta ghas-subizzjoni u bl-interessi legali mid-data tal-fattura sad-data ta' pagament effettiv;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrent sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-10 ta' Novembru tas-sena 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimate Far-Fetched Media Limited (C-23558) thallas is-somma ta' disat elef erba' mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€9,486.25) lis-socjeta' rikorrenti Hydroelectric Limited (C-9039);

Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------